MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 15 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 30 ta' Lulju 2010 |
| HIN | 2.30 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

15.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 14 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjonijiet.

15..2 Arrising Out:

15.2.1 Ic-CCTV Camera fi pjazza Mario Galea Testaferrata giet imwahhla . Kien hemm talba mill-operaturi biex jsir zbir tas-sigar li hemm qrib tal-kamera. Qbilna li dan iz-zbir isir minn Messr Gauci

15.2.2 Dwar il Courtyard Concerts, konna ktibna lis-Sur Gorg Scerri dwar il-fatt li ma stajniex naghmlu kuncert fil-bitha, huwa kien ser jkellem lil xi persuni biex jkun jista jaghmel dan il-kuncert fil-bitha taghhom. Kien hemm qbil li noffru xi refreshment wara l-kuncert

15.3 Inqrat il-Korrispondenza ta' Batch 14 u 15 fosthom:

15.3.1 Kien hemm talba minn grupp biex itellgha kuncert bl-isem ta' Minigig f'wahda mil-pjazzez tal-Imdina. Kien hemm qbil li nilqghu t-talba u nhalluhom jaghmlu il-kuncert fi pjazza San Pawl

15.3.2 Il-kunsill ta' Hal Qormi kien ghamel talba biex jwahhal banner dwar il-Wine Festival fl-Imdina. Qbilna li nghatuhom permess biex jwahhlu dan il-Banner mal hajt ta'Saqqajja Steps bil-kundizzjoni li meta jkollna il-Festival taghna nkunu nistghu nwahhlu Banner gewwa Hal Qormi.

15.3.3 Kien hemm korrispondenza min naha tal-Mepa dwar fondi li hemm disponibli biex jintuzaw ghal xi progett zghir fl-Imdina. Kien hemm qbil li niktbu lil Mepa u naraw f'liema progett jista jintuza dawn il-fondi.

15.3.4 Talba mil-Mepa biex torganizza diskussjoni f'Howard Gardens. It-Talba giet milqugha

15.3.5 Id-DLG ghamel talba biex nghatu aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva ta' Attivata' dwar l-Indafa. Kellna insibu grupp ta' Scouts biex jippartecipa f'din l-attivita'.

15.3.6 Kien hemm talba mill-HRGM biex jaghmlu Re-enactment tar-rewwixta tal-Maltin kontra il-Francizi. Din ir-re-enactment kellhu isir nhar il-Gimgha 3 ta' Settembru. Kien hemm qbil li jinghataw permess

15.3.7 Kien hemm qbil li nergghu nordnaw numbru ta-djarji minghand JD ltd. Kellna pero notolbuh biex jaghmel xi emendi u jdahhal aktar informazzjoni fuq il-Kunsill. Kellna nordnaw 100 flimkien ma 20 ohra b'qoxra specjali.

15.3.8 Kellna talba mill-AKL biex ninominaw zewg zaghzagh ghal "Youth in Action program" li ser isir fl-Italia. Kien hemm qbil li ninominaw lil Nicholas Attard u jekk dan jirrifjuta ninominaw lil Simon Sultana.

15.3.9 Is-Sur Bonello kien ghaddilna proposta biex niktbu lil Feltom dwar l-imgieba ta' xi Language Students gewwa l-Imdina. Saret emenda ghal-ittra originali u qbilna li nibghatuha.

15.3.10 Inqrat il-Korrispondenza mal-Kunsill ta' Zaragoza dwar il-possibilta li naghmlu DVD production fuq iz-zewg ibliet , fejn infurmawna li huma lesti li jidhlu partners pero ma setghux jiffinanzjaw dan il-progett.

15.3.11 Inqrat it-talba tal-MMRA biex ninominaw persuna fuq il-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Imdina. Gie konfermat PSM.

15.3.12 Inqrat ittra mil-Kumitat Kongunt tal-Majjestral dwar in-nomina ghal hatra ta' Vici President ta' Maria Deguara. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaghtiha l-appogg tieghu.

15.3.13 Inqrat ittra mil-Kunsill ta' Pembroke dwar il-Konferenza tal-ECAD li ser issir f'Ghawdex. Wara li deher li ma kienx hemm Kunsilliera li setghu jattendu qbilna li nirrifjutaw l-istedina

15.3 BBQ

15.4.1 Il-BBQ tal-Kunsill kien ser jigi pospost ghat- 2 ta' Settembru u il-post kellhu jinbidel ghaliex HM ma taghatx permess biex nuzaw il-bitha. Qbilna li issir f'wahda mil-pjazzez tal-Imdina. Gie deciz li isir fi Pjazza Mosquita. Kienu ingabbru xi Kwotazjonijiet u kellna naghzlu minnhom il-persuni li ser jiehdu hsieb il catering. JD kellhu wkoll ikellem lil xi individwi biex jara jekk humiex lesti li jidhlu ghal din l-attivta bhal caterers

15.5 Update Bastions Restorations

15.5.1 Konna tlabna lil Perit Norbert Gatt biex jigi jaghti lil Kunsill update tax-xogholijiet li qed isir fuq is-Swar tal-Imdina izda mhabba li kellhu impenji ohra ma setghax jattendi u dan l-item thalla ghal-laqgha li jmiss

15.6 Restawr ta' Kanuni

15.6.1 Il-Kunsill kien ircieva kwotazzjoni wahda u wara li saret diskuzzjoni kien hemm qbil li naccttaw din il-kwotazzjoni.

15.6.2 Il_kwotazzjoni kienet tas-Sur George Schembri u kien hemm qbil li nohorgu Works Order ghal 3 Kanuni

15.7 Zebgha tal-bibien fi triq Magazini

15.7.1 Minhabba li l-unika offerta li dahlet kien hemm xi punti li jridu jigu ccarati , l-ghoti ta' xoghol thalliet ghal laqgha ohra

15.8 Manutenzzzjoni tal-Bandli

15.8.1 Il-Kunsill kien irceva kwotazzjoni wahda dwar tibdiel ta' xi Bandli, u ma kienx hemm offerti ghal xoghol ta'manutenzjoni. Gie deciz li jinghata biss ix-xoghol fuq tibdiel ta' apparat tal-bandli.

15.8.2 L-offerta li kienet dahlet kienet ta' JGC Ltd . Kien hemm qbil li tohrog il-Works Order ghal 3 flat swing seats u 6 toddlers swing seats.

15.9 . Affarijiet Ohra

15.9.1 Il-kunsill kien ghamel rapport dwar Swill Collector minhabba li dan jidhol fl-Imdina b'van miftuh u jhalli hafna rwiejah . Il-Mepa kellha tinvestiga ,filwaqt li gahddewlna cirkulari biex titqassam lis-stabilimenti ta' l-ikel..

15.9.2 Anton Zarb gie mqabbad mil-Kunsill biex jaghmel xi tiswijjiet fuq il-poggaman li hemm fi pjazza San Publiju

15.9.3 Kellna niktbu lil Enemalta sabiex jnehhu il-kabel tad-dawl li hemm fejn il-Mina tal-griegi

15.9.4 Gew ordnati xi pots tal-qsari minghand Attard Farms Supplies biex jinbidlu xi pots li ghadt hemm tal-Plastic

15.9.5 Saret talba lil Green wardens biex jinfurzaw il-ligi dawr l-iskart li qed jitremma fejn Saqqajja Steps min wiehed mill-istabilimenti tal-ikel fiz-zona

15.9.6 Kellha isir talba lir-Restoration Unit tal-MRRA biex jinqata il-haxix mas-Swar ta fejn il-Mina tal-Griegi

15.9.7 Kellhom jitwahhlu xi Bollards f'certi toroq biex il-Karozzini ma jibqawx juzaw dawn it-toroq.

15.9.8 CS giet inkarigata li tikkordina l-attivitajiet konnessi mal-Milied, inkluz Kuncert fil-Katidral, Ikla u il-Presepju li jintramma barra

15.9.9 Il-kunsill iddiskuta l-ghoti ta' Onorificenza ta' Cittadin Onorarju lil Claudio Marciano di Scala, ghal ghajnuna tieghu li ta dwar possibilta ta' gemelagg ma San Marino u Lecce. Il-Kunsill qabel unanimament li jaghti din l-onorificenza.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra il-laqgha giet aggornata fil 4.00 pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |